

31999D0478

20.7.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 187/70

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-14 ta' Lulju 1999
li ġġedded il-Kumitat ta' Konsulenza dwar Sajd u Akwakultura

(innotifikat taħt id-dokument bin-numru C(1999) 2042)

(1999/478/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitá Ewropea,

Artikolu 1

- (1) Billi huwa importanti għall-Kummissjoni li jkollha r-reazzjonijiet ta' l-interessi konċernati dwar il-kwistjonijiet imqajma bl-istabbiliment ta' politika komuni għas-sajd (PKS);
- (2) Billi fis-settur tas-sajd inħoloq kumitat ta' konsulenza (KKS) bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 71/128/KEE ⁽¹⁾ li t-test tagħha nbidel l-aħħar bid-Deċiżjoni 89/4/KEE ⁽²⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni 97/246/KE ⁽³⁾;
- (3) Billi jidher opportun li jitwessa', fi ħdan il-qafas tal-KKS, id-djalogu dwar l-iżvilupp u l-amministrazzjoni tal-PKS għall-partijiet kollha konċernati, partikolarment għas-settur ta' l-akwakultura u l-organizzazzjonijiet mhux professjonali; billi għal dan il-għan hu meħtieġ li terġa' tiġi eżaminata l-istruttura tal-Kumitat;
- (4) Billi, biex ikunu nkoraġġiti l-formolazzjoni ta' analiżi u ta' posizzjonijiet komuni fuq il-PKS, jaqbel li l-membri tal-KKS jiġu mistiedna biex qabel xejn jieħdu ħsieb kwistjonijiet li jirrigwardaw lilhom:
- (5) Billi fl-interess ta' l-effiċjenza hu meħtieġ li n-numru ta' membri fuq il-Kumitat ikun limitat;
- (6) Billi jaqbel li d-djalogu jittejjeb permezz ta' ħolqa aħjar bejn il-kumitat plenarju, imqabbað biex imexxi x-xogħol tal-Kumitat u jagħti opinjonijiet, u l-gruppi ta' ħidma nkarigati bit-tħejjija ta' dawn l-opinjonijiet;
- (7) Billi l-mandat tal-membri tal-Kumitat jintemm fil-31 ta' Lulju 1999 fl-aħħar ta' perjodu transitorju preskritt għar-riforma tal-Kumitat hawn fuq imsemmi u li għalhekk hu f'waqtu li t-test tad-Deċiżjoni jkun emendat fis-sens indikat hawn fuq;
- (8) Billi fl-interess taç-çarezza it-test tad-Deciżjoni 71/128/KEE għandu jinbidel,

1. Kumitat ta' Konsulenza għas-Sajd u l-Akwakultura jiġi stabbilit fi ħdan il-Kummissjoni, magħmul minn kumitat plenarju wieħed minn hawn iżjed 'il quddiem imsemmi "il-Kumitat" u erbgħa kumitati ta' ħidma imsemmija fl-Artikolu 7.

2. Il-Kumitat hu magħmul minn rappreżentanti ta' l-interessi li ġejjin: organizzazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw il-kumpaniji produtturi, l-industrija tal-proċessar u negozjanti ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura u organizzazzjonijiet mhux professjonali li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi, l-ambjent u l-iżvilupp.

3. Esperti fis-settur tas-sajd li jirrappreżentaw korpi xjentifiċi u/jew ekonomiċi, il-banek u l-ewwel *point-of-sale* huma rappreżentati fil-gruppi definiti fl-Artikolu 7.

Artikolu 2

Il-Kumitat jista' jiġi konsultat mill-Kummissjoni dwar, jew jagħti bidu għal, fuq l-inizjattiva tal-president tiegħu jew fuq talba ta' xi membru wieħed jew aktar, kwistjonijiet dwar ir-regoli tal-politika komuni għas-sajd u b'mod partikolari dwar miżuri partikolari li l-Kummissjoni tista' tieħu fil-qafas ta' dawn ir-regoli kif ukoll kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali fis-settur tas-sajd, apparti dawk li jikkonċernaw, bħala sħab soċjali, lil min iħaddem u lil ħaddiema.

Artikolu 3

Il-kumitat hu magħmul minn 20 membru minn hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-membri".

1. Siġġu wieħed jingħata lil kull wieħed minn dawn il-11 interessi li ġejjin, innumerati minn (1) sa (11) Għal kull wieħed minn dawn il-11-il siġġu hu previst membru sħiħ u deputat membru:

Organizzazzjonijiet professjonali:

Kumpaniji tas-sajd: 1) sidien ta' bastimenti privati

2) sidien ta' bastimenti f'koperattivi

3) organizzazzjonijiet ta' produtturi

⁽¹⁾ ĠU L 68, tat-22.03.1971, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 5, 07.01.1989, p. 33.

⁽³⁾ ĠU L 97, tat-12.04.1997, p. 27.

- Kumpaniji ta' l-akwakultura:
- 4) dawk li jrabbru ħażniet ta' mol-luski u frott tal-baħar bil-qoxra
- 5) dawk li jrabbru ħażniet ta' ħut
- Kumpaniji ta' max-xmajjar:
- 6) proċessuri
- 7) negozjanti (importazzjoni/ esportazzjoni u bl-ingrossa)
- Għaqdiet tal-ħaddiema:
- 8) sajjeda u mpjegati ta' dawk il-kumpaniji b'salarju

2. Dawn li ġejjin ukoll għandhom siġġu fuq il-Kumitat: il-president u l-viċi-president tal-Kumitat għad-djalogu settorjali tas-Sajd ⁽¹⁾, il-president u l-viċi president tal-gruppi ta' ħidma 1, 3 u 4 kif imsemmija fl-Artikolu 7, u l-president tal-grupp ta' ħidma 2 kif imsemmi fl-Artikolu 7.

Artikolu 4

1. Il-membri tal-Kumitat jiġu nominati mill-Kummissjoni fuq proposti mill-organizzazzjonijiet stabbiliti fl-livell ta' Komunità li jirrappreżentaw l-aktar l-interessi speċifikati fl-Artikolu 3(1). Ir-rappreżentant tal-konsumaturi jkun propost mill-kumitat tal-konsumaturi ⁽²⁾.

Għal kull siġġu li jrid jimtela, ħliet għas-siġġijiet riservati għall-kumitat ta' djalogu settorjali għas-sajd, l-organizzazzjonijiet jipproponu żewġ kandidati ta' nazzjonalità differenti. Għas-siġġijiet allokat l-interessi previsti fl-Artikolu 3(1) in-nominazzjonijiet għandhom jispesifikaw l-isem tal-membri sħiħ u dak tas-sostitut.

It-tul tal-kariga ta' membru tal-Kumitat għandu jkun ta' tliet snin. Jista' jiġi mġedded. Ix-xogħolijiet imwettqa mhumiex suġġetti għal xi ħlas.

Wara li jgħaddi l-perjodu ta' tliet snin, il-membri tal-Kumitat jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti jew sakemm ikun deċiż jekk il-mandat tagħhom għandux jiġġedded.

Il-mandat ta' membru jasal fit-tmiem tiegħu qabel jiskadi l-perjodu ta' tliet snin minħabba riżenja jew mewt.

Jista' wkoll jintemm meta l-korp li jkun ressaq il-kandidatura tal-membri jitlob li hu jew hi jiġu sostitwiti.

Persuna tiġi nominata skond il-proċedura preskritta fil-paragrafu 1 biex tissostitwixxi membru bħal dan għall-kumplement tal-kariga tiegħu jew tagħha.

⁽¹⁾ ĠU L 225, tat-12.8.1998, p.27 (98/500/KE).

⁽²⁾ ĠU L 162, tat-13.07.1995, p. 37.

2. Il-lista tal-membri tal-Kumitat għandha tiġi pubblikata mill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' informazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Il-Kumitat għandu jeleġġi, għal perjodu ta' tliet snin, president wieħed u żewġ viċi presidenti. L-elezzjoni għandha ssir permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti.

Il-membri tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 3(2) għandhom, bl-eċċezzjoni tas-sid ta' bastiment membru tal-kumitat ta' djalogu settorjali, jiffurmaw il-bureau tal-Kumitat.

Il-bureau għandu jeleġġi l-president tiegħu u jipprepara u jorganizza l-attivitajiet tal-gruppi ta' ħidma imsemmija fl-Artikolu 7.

Artikolu 6

Fuq talba ta' waħda mill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-president jista' jistieden delegat ta' din l-organizzazzjoni biex jattendi l-laqgħat tal-Kumitat. Hu jew hi jistgħu taħt l-istess kondizzjonijiet jistiednu biex jieħu parti fix-xogħol tal-Kumitat bħala espert lil kull persuna b'xi awtorità partikolari f'wieħed mis-suġġetti fuq l-aġenda. Deputati membri jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat bħala osservaturi bl-ispejjeż għalihom.

Artikolu 7

Il-Kumitat għandu jinnomina erba' gruppi ta' ħidma biex ikunu jistgħu jippreparaw l-opinjoni tiegħu.

L-ismijiet ta' dawn il-gruppi kif ukoll tal-presidenzi u l-komposizzjoni tagħhom jidhru fl-anness ta' din id-deċiżjoni.

Bi qbil mal-Kummissjoni, il-parteċipanti fil-gruppi ta' ħidma jintgħażlu skond l-aġenda ta' kull laqgħa mill-organizzazzjonijiet l-aktar rappreżentattivi stabbiliti fl-ogħla livell tal-Komunità. Ir-rappreżentanti tal-bijoloġija jew ta' l-ekonomija jintgħażlu mill-STEFCF ⁽³⁾. Il-Kummissjoni tista', skond l-aġenda, tinnomina esperti addizzjonali.

Artikolu 8

1. Il-Kumitat jiltaqa' wara notifika mill-Kummissjoni skond programm ta' xogħol annwali adottat bi ftehim mal-Kummissjoni. Il-bureau jiltaqa' wara notifika mill-president tiegħu u bi ftehim mal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentanti tas-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu parti fil-laqgħat tal-Kumitat, tal-bureau u tal-gruppi ta' ħidma.

3. Is-servizzi tal-Kummissjoni jipprovdu s-segretarjat tal-Kumitat, tal-bureau u tal-gruppi ta' ħidma.

⁽³⁾ ĠU L 297, 02.12.1993, p. 25.

4. Bi qbil mal-Kummissjoni, il-Kumitat ifassal regoli dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' xogħol, il-preparazzjoni għal-laqgħat, il-post fejn isiru l-laqgħat, rapporti, posizzjonijiet jew konklużjonijiet u l-formolazzjoni ta' opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 9

Il-Kumitat ikun mitlub jaġhti opinjoni dwar il-proposti formolati mill-Kummissjoni kif ukoll dwar is-suġġetti li jkunu jidhru fil-programm tiegħu.

Il-Kummissjoni, waqt li titlob l-opinjoni tal-Kumitat, tista' tiffissa l-perjodu li fih trid tingħata l-opinjoni.

Il-posizzjonijiet ta' l-interessi konċernati għandhom jidhru frapport mgħoddi lill-Kummissjoni.

Jekk l-opinjoni mitluba tkun is-suġġett ta' ftehim unanimu tal-Kumitat, trid tistabbilixxi konklużjonijiet komuni li jridu jiġu mehmuża mar-rapport.

Artikolu 10

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 287 tat-Trattat, il-membri tal-Kumitat kif ukoll dawk tal-gruppi ta' ħidma huma

obbligati ma jiżvelawx informazzjoni li jkunu kisbu mix-xogħol tal-Kumitat jew tal-gruppi ta' ħidma, fil-każ li l-Kummissjoni tinfirmahom li l-opinjoni mitluba jew il-kwistjoni mqajma tittratta dwar suġġett konfidenzali.

F'dak il-każ, il-membri tal-Kumitat u r-rappreżentanti tas-servizzi tal-Kummissjoni biss jistgħu jattendu l-laqgħat.

Artikolu 11

Id-Deċiżjonijiet Nru 71/128/KEE u 97/247/KE (1) huma mħassra.

Artikolu 12

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 1999.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Emma BONINO

Membri tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 97, tat-12.04.1997, p. 28.

ANNEX

gruppi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 7**1. Ismijiet tal-gruppi ta' ħidma**

Group 1: Access għar-riżorsi tas-sajd u l-amministrazzjoni ta' attività tas-sajd.

Group 2: Akwakultura: ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u molluski.

Group 3: Politika dwar swieq u kummerċ.

Group 4: Kwistjonijiet ġenerali: ekonomija u analiżi settorjali.

2. Presidenti u viċi-presidenti

Rappreżentant tas-sidien ta' bastimenti privati għandu jippresiedi l-gruppi ta' ħidma 1 u 4.

Rappreżentant tas-sidien ta' bastimenti f'koperattiva ikun viċi-president tal-grupp ta' ħidma 1.

Rappreżentant ta' dawk li jrabbu ħażniet tal-ħut u rappreżentant ta' dawk li jrabbu ħażniet ta' molluski/frott tal-baħar bil-qoxra għandhom ikunu president u viċi-president li jalternaw tal-grupp ta' ħidma 2.

Rappreżentant tal-proċessuri għandu jippresiedi l-grupp ta' ħidma 3.

Rappreżentant tan-negozjanti għandu jippresiedi l-grupp ta' ħidma 4.

Rappreżentant ta' l-organizzazzjonijiet ta' produtturi għandu jkun viċi-president tal-grupp ta' ħidma 3.

3. Numru ta' siġġijiet għal kull interess konċernat:

	Grupp 1	Grupp 2	Grupp 3	Grupp 4
Sidien ta' bastimenti privati	5	—	1	3
Sidien ta' bastimenti f'koperattiva	3	—	1	2
Sajjieda impjegati	2	1	1	2
Organizzazzjonijiet ta' produtturi	1	—	3	1
Dawk li jrabbu ħażniet ta' ħut	—	6	1	1
Dawk li jrabbu ħażniet ta' molluski/frott tal-baħar bil-qoxra	—	4	1	1
Proċessuri	—	—	3	2
Negozjanti	—	—	2	1
Konsumaturi	—	1	1	1
Ambjent	1	1	1	1
Żvilupp	1	—	1	1
Bijoloġġja	1	1	—	—
Ekonomija	1	1	1	1
Banek	—	—	1	1
Irkanti u portijiet	—	—	1	—
	15	15	19	18

Il-Kummissjoni tista' tinnomina esperti addizzjonali skond l-aġenda.